metaforiku, sintattiku, ritmiku prosodiku, l-istess taħbit tal-qalb. Huwa hawnhekk li l-poeta jsib ruħu fi mkienu..”

### Letteratura Maltija rrappreżentata fil-Belarussja: Kitba ta’ Yana Psaila

Fl-artiklu «POEŻIJA SLAVONIKA BIL-MALTI (fit-traduzzjoni mill-ilsna oriġinali)» (Il-Ħadd 4 ta’ Diċembru 2022) kont ippubblikajt traduzzjonijiet tat-tliet poeti prominenti Slavi: Taras Shevchenko tal-Ukrajna, Adam Mickiewicz tal-Polonja u Yakub Kolas tal-Belarussja. Ħassejt sodisfazzjon kbir li dil-poeżija għoġbot lill-qarrejja. B’mod speċjali messli qalbi l-fatt li l-Patri Dijonisju Mintoff mhux biss tani l-kummenti sbieħ fir-rigward ta’ dawn it-traduzzjonijiet imma saħansitra qara lis-semmiegħa tal-programm tiegħu XI QRAJT XI SMAJT fuq Radju Malta waħda mill-poeżiji DEHRIET GĦEŻIEŻ tal-Poeta Nazzjonali Belarussu Yakub Kolas. F’pajjiżu jsejħulu “il-għannej tal-poplu” li juri l-livell għoli ta’ rikonoxximent tal-poeta.

Dan kollu qed jispirani biex inkompli nintroduċi lil qarrejja mhux biss il-poeżija iżda ukoll il-pajjiż innifsu li hawn f’Malta ftit li xejn nafu dwaru. Skont l-enċiklopedija l-Belarussja (ir-Repubblika tal-Belarussja) hija stat fl-Ewropa tal-Lvant li għandu fruntieri mar-Russja, l-Ukrajna, il-Polonja, il-Latvja, il-Litwanja. Jiġi definit hekk: “il-pajjiż tal-widnet il-baqar u ċ-ċikonji bojod”. L-istorja tal-Belarussja hija rikka f’avvenimenti.

Hemmhekk għadhom jeżistu kastelli medjevali bl-iħirsa u l-bijografiji misterjużi tas-sidien tagħhom, il-fdalijiet ta’ swar, knejjes Kattoliċi u dawk Ortodossi.

F’kull belt wieħed jista’ jsib xi post li l-istorja tiegħu tkun denja ta’ kelma letterarja. Dan l-għaliex fis-sekli 10-13 it-territorju tagħha kien parti mill-istat bil-kapital f’Kiev, imbagħad minn diversi prinċipalitajiet. Fis-sekli 13-15 il-Belarussja kienet tagħmel parti mill-Gran Dukat tal-Litwanja; fis-seklu 16-18 mill-istat Pollakk-Litwan; fis-sekli 18-20 mill-Imperu Russu, li wara r-rivoluzzjoni fl-istess Imperu u sal-1991 kienet waħda mir-repubbliki tal-Unjoni Sovjetika. Mill-1991 ’il quddiem il-Belarussja saret stat indipendenti.

Il-popolazzjoni tal-pajjiż hija aktar minn 9 miljuni li 80% minnhom huma Belarussi iżda l-kompożizzjoni nazzjonali hija rappreżentata minn madwar 130 grupp etniku. Ir-reliġjon predominanti hija l-Kristjaneżmu – l-Ortodossija u l-Kattoliċiżmu li kellhom impatt sinifikanti fuq il-kultura tan-nies. Il-lingwi uffiċjali tal-Belarussja huma l-Belarussu u r-Russu. Il-formazzjoni tal-letteratura tal-Belarussja bdiet fis-sekli 14-15 u waslet fl-aqwa tagħha fis-sekli 16-17. L-ewwel ktieb stampat bil-lingwa Belarussa “Salterju” ġie ppubblikat fi Praga fl-1517 minn Francysk Skaryna.

Iċ-ċirkolazzjoni tiegħu tassew impressjonanti! Skond il-Wikipedija fl-2009 ġew ippubblikati aktar minn 10 elf titlu, iċ-ċirkolazzjoni totali kienet aktar minn 50 miljun kopja.

Issa se nagħtu ħarsa lejn il-ġrajjiet kurrenti. Fl-aħħar ta’ Marzu tas-sena 2023 fil-kapitali tal-Belarussja Minsk se ssir il-XXX Fiera Internazzjonali tal-Ktieb ta’ Minsk. Għal dan l-avveniment tħejjew numru ta’ pubblikazzjonijiet. Ħareġ l-almanakk “Sożvuċie” («Созвучие») li jiġbor xogħlijiet ta’ awturi minn numru ta’ pajjiżi. Għall-ewwel darba jiġu ppubblikati poeżiji ta’ poeti minn Malta li, kif jammettu l-Belarussi stess, huwa pajjiż li jafu ftit li xejn dwaru u letteratura tiegħu. Malta hija rappreżentata mit-traduzzjonijiet għar-Russu ta’ poeżiji ta’ Oliver Friġġieri, Louis Briffa, Omar Seguna, Immanuel Mifsud, Adrian Grima, Ġorġ Peresso u Charles Coleiro. Kif ukoll jiġu mħejjija għall-pubblikazzjoni l-almanakk “Dalagljadi”, ir-rivisti “Polimja” u “Maladost” bit-traduzzjonijiet għall-Belarussu tan-novelli ta’ Trevor Żahra, Ġorġ Peresso u Aleks Farruġia. Il-letteratura Maltija tiġi ppreżentata b’mod wiesa’ grazzi għall-pożizzjoni attiva tal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Belarussja Ales Karlyukevich. F’pajjiżu u barra huwa magħruf bħala kittieb prominenti tal-kotba għat-tfal. Dan l-aħħar il-qarrejja Maltin saru jafu ukoll wieħed mix-xogħlijiet tiegħu permezz tal-istorja “Ma Ġara Xejn” ippubblikata fil-ħarġa ta’ Frar tar-rivista “Sagħtar”.

Naqblu mal-fehma ta’ Ales Karlyukevich u l-organizzaturi oħra tal-fiera internazzjonali tal-ktieb flimkien mal-membri tal-bordijiet editorjali ta’ almanakki u rivisti, li l-pubblikazzjoni tal-proża u poeżija ta’ Malta se jkun pass ieħor lejn l-iżvilupp tar-rabtiet fil-qasam letterarju bejn iż-żewġ pajjiżi. Min-naħa tiegħi nkompli nippreżenta lill-qarrejja x-xogħlijiet tal-poeti prominenti tal-Belarussja, tradotti direttament mill-Belarussu għall-Malti:




Дуб

Распусціўшы сучча
У глухім прыволлі,
Сам адзін расце ён
На далёкім полі.

Як цар, у кароне,
Аб нічым не дбае,
Ці то стогне бура,
Ці віхор гуляе.

На адным ён месцы
Днюе і начуе;
Многа казак знае,
Многа песень чуе.

Дождж падмыў карэнне;
Ў ім дупло – як хата...
Ён стаіць і дрэмле –
Грозны, расахаты.

Янка Купала, 1911

SIĠRA TAL-BALLUT

Bil-friegħi miftuħa
Tinsab f’nofs imkien.
Kibret waħdanija
Fl-għelieqi mbegħdin.

Donnha reġina bil-kuruna
Bla ħsibijiet u inkwiet ta’ xejn,
Jekkx ir-riefnu jkun ivenvinx
Jew hemmx dagħbien għaddej.

Igħaddu ljieli u jiem,
Ma titħarrikx minn postha.
B’ħafna ħrejjef saret taf
U għanjiet semgħet bil-bosta.

Xita tkompli tħassar iz-zokk,
Ġa hemm toqba qisha għorfa...
U hi tibqa’ togħnos bil-wieqfa,
Imqanfda u żorra.

Yana Psaila. Traduzzjoni, 2023

### Għotja tal-Onoreficenza di Cavaliere di ‘Ordine della Stella d’Italia’ lis-Sur Alfred Palma

F’isem din il-paġna nixtieq nifraħ lill-awtur Alfred Palma illi ġie onorat bit-titlu ta’ Cavaliere, għat-traduzzjoni tiegħu bil-Malti tad-Divina Commedia ta’ Dante. Bil-permess tal-awtur hawnhekk qed inxandru din l-Għotja tal-Onoreficenza di Cavaliere di ‘Ordine della Stella d’Italia’ lis-Sur Alfred Palma: Degriet tal-President tar-Repubblika, Sergio Mattarella, bid-data tat-2 Diċembru 2021. “Tul il-kors tal-attività letterarja tiegħu, is-Sur Alfred Palma ikkontribwixxa bil-bosta għall-promozzjoni u t-tixrid tax-xogħlijiet u tal-awturi Taljani fost il-poplu Malti.

Partikolarment, fost il-kontribuzzjonijiet letterarji tiegħu l-aktar importanti hemm ċertament it-traduzzjoni bil-Malti tax-xogħol monumentali La Divina Commedia ta’ Dante, li hu beda fl-1966 u temmha b’dedika u ħidma ma taqta’ xejn fl-1986, biex wara ippubblikaha fl-1991, spejjeż tiegħu.

Dan kollu ippermetta l-iffjorixxament ta’ kapolavur tal-letteratura Taljana fost il-poplu Malti, isaħħaħ b’hekk ir-rabtiet storiċi-letterarji u jqarreb sensibilment lejn xulxin iż-żewġ pajjiżi. Matul is-snin, is-Sur Palma kiseb rikonoxximenti prestiġjużi lokali kif ukoll Taljani ħajr għall-kontribut letterarju wiesa’ tiegħu, fosthom il-Lauro Dantesco mill-Comune ta’ Ravenna u l-konferiment ta’ Cavaliere di Sicilia mis-Società Esperantista fl-2020.

Ma’ dawn ta’ min iżid il-bosta konkorsi ta’ poeżija mirbuħin fl’Italja. Dawn il-premjijiet jixhdu l-apprezzament importanti fl-Italja ta’ karriera letterarja ħabrieka u sfiqa mwettqa b’passjoni profonda b’għan partikolari fir-rigward tal-lingwa Taljana u tal-letteratura għolja Taljana”.